**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Jannar, 2016**

**Avviz nru: 345/2005 MLF**

**The Golden Shepherd Group Limited**

**Vs**

**Beatrice Gouder, u b'digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Jannar 2006, Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder f'isimha personali u f'isem ohtha interdetta Monica Gouder, bhala kuratrici *ad litem* taghha, assumew l-atti minflok il-mejta konvenuta Beatrice Gouder**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuta tigi kkundannata sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3388.98 (tlett elef tlett mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut ghal kura fl-isptar "St. Philip's Hospital" u servizzi medici relatati.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Mary Gouder u ta' Maria Gloria Gouder fejn eccepew:

1. Illi huma flimkien ma ohthom Monica huma l-werrieta ta' Beatrice Gouder li mietet fit-8 ta' Mejju 2005; din ic-citazzjoni giet notifikata f'isem il-mejta, izda huma ghal kull buon fini qeghdin jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet; mhux qed issir eccezzjoni f'isem Monica Gouder li hija interdetta ghaliex il-kuratrici taghha kienet id-deciua (sic) Beatrice Gouder, u ghadhom pendenti l-proceduri sabiex jigi nominat kuratur gdid ta' l-interdetta; ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet qed isiru bir-riserva li l-kuratur jassocja ruhu mal-eccipjenti fl-eccezzjonijiet;
2. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati ghaliex (a) il-prezz pretiz ghas-servizzi u akkomodazzjoni huwa esagerat u rragonevoli; u (b) is-servizz kien serjament nieqes mill-kwalita' u professjonalita' mistenni f'cirkostanzi simili; (c) il-prezz tal-consumabiles kien esagerat u rragonevoli;

Rat li b'digriet tas-26 ta' Lulju 2006, il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) innominat lil Maria Gloria Gouder bhala kuratrici ta' ohtha Monica Gouder, in sostituzzjoni ta' Beatrice Gouder, li kienet mietet.[1]

Il-konvenuta Maria Gloria Gouder qatt ma pprezentat nota ta' eccezzjonijiet bhala kuratrici ta' ohtha Monica Gouder u qatt ma prezentat nota li biha assocjat ruhha bhala kuratrici ta' ohtha Monica Gouder, man-nota ta' eccezzjonijiet li Maria Gloria Gouder kienet ipprezentat f'isimha personali ghan-nom ta .......

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-Avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

[1] Ara digriet a fol. 29 tal-process.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-konvenuti Joseph Gouder, Maria Gloria Gouder u Monica Gouder huma t-tfal u l-eredi tal-konvenuta Beatrice Gouder.
2. Lejn l-ahhar ta' Marzu 2003, Beatrice Gouder iddahhlet l-Isptar San Luqa minhabba diversi kondizzjonijiet medici, u kienet taht il-kura tal-Professur Joseph Azzopardi.
3. Il-konvenuti Joseph u Maria Gloria Gouder ma kienux kuntenti bis-servizz mediku li kienet qieghed jigi offrut lil ommhom, il-konvenuta Beatrice Gouder, fl-Isptar San Luqa, u iddecidew li jittrasferuha fl-Isptar St. Philip's, li kien gestit mis-socjeta konvenuta, u tibqa' taht il-kura tal-Professur Joseph Azzopardi.
4. Fil-fatt, Beatrice Gouder giet trasferita l-Isptar St. Philips fit-30 ta'Marzu 2005. Din ma kinitx l-ewwel darba li Beatrice Gouder kienet residenti f'dan l-Isptar.
5. Skont ix-xhieda ta' Maria Antonia Beck, l-accounts clerk tal-Isptar St. Philips, peress li Beatrice Beck iddahhlet l-isptar bhala kaz ta' emergenza, ma inghatatx package price ta' kemm kienet se tiswa l-kura medika f'dak l-Isptar. Hi tghid ukoll li l-qraba taghha ma staqsewx dwar il-kont.[2]
6. Min-naha l-ohra, il-konvenuta Maria Gloria Gouder xehdet li dak in-nhar li ommha giet trasferita l-isptar St. Philip's, ir-receptionist – li pero ma tatx isimha – kienet qaltilha li *"kollox kien baqa l-istess"*[3]
7. Fi kwalunkwe kaz, mhux kontestat li l-isptar ipprovda l-kura medika skond l-istruzzjonijiet tal-konsulent kuranti ta' Beatrice Gouder, u cioe il-Professur Azzopardi.[4]
8. Wara ftit granet li l-konvenuta kienet rikoverata l-isptar, Maria Antonia Beck ghaddiet lill-konvenuta Maria Gloria Gouder print out tal-kont ghal medikazzjoni li Beatrice Beck kienet hadet sa dak in-nhar, u dan il-kont kien ta' Lm700.00. Il-konvenuta Maria Gloria Gouder ilmentat ma' Maria Antonia Beck li l-kont kien esagerat, meta komparat ma' kontijiet ohra simili mill-istess sptar meta ommha kienet rikoverata hemm. Maria Antonia Beck xehdet ukoll li meta l-konvenuti Maria Gloria Gouder u Joseph Gouder ilmentaw maghha dwar il-kont, hija kienet spjegatilhom li ghalkemm

---

[2] Ara xhieda ta' Maria Antonia Beck a fol. 36 *et seq.* tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Maria Gloria Gouder a fol. 62 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Dottor Frank Portelli a fol. 47 tal-process.

ommhom ma ddahhlitx f'high dependency unit, izda kienet kura kostanti, u spjegatilhom ukoll x'kienu l-prezzijiet tal-isptar u li l-kont jithallas shih meta jkun hemm id-discharge tal-pazjenta.

9. Minkejja dawn l-ilmenti minn naha tal-konvenuti ahwa Beck, huma xorta hallew lil ommhom Beatrice Gouder rikoverata l-Isptar St. Philips ghal ghaxart (10) ijiem ohra,[5] u fil-fatt Beatrice Gouder giet discharged minn dan l-Isptar fil-21 ta' April 2005.
10. Il-kont kollu tas-servizzi kollha moghtija mill-isptar kien ta' LM5088.98.[6] Ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici xehedu li l-kont tela' daqshekk gholi ghaliex il-konvenuta Beatrice Gouder kienet pazjenta *highly dependent.*
11. Il-konvenuti hallsu depozitu ta' Lm1,700 minn dan l-ammont, u permezz ta' dawn il-proceduri, is-socjeta attrici qieghda titlob li l-konvenuti jigu ikkundannati ihallsu l-bilanc tal-kont.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-konvenuti qieghdin jeccepixxu li l-kont huwa wiehed eccessiv, fl-ewwel lok meta komparat ma kontijiet ohra tal-istess sptar meta ommhom giet rikoverata fih, u fit-tieni lok, il-konvenuta Maria Gloria Gouder – li kienet toqghod ma ommha l-isptar kwazi 24 siegha kuljum – tallega li kien hemm diversi nuqqasijiet fis-servizz mediku moghti mill-isptar, li tlett kwarti tal-items imnizzlin fil-kont ma gewx amministrati lil ommha u li l-prezzijiet ghal medicinali kienu eccessivi meta komparati ma' dawk mibjugha minn spizeriji jew clinics ohra.

Is-socjeta attrici ezebiet u x-xhieda taghha ikkonfermaw bil-gurament l-itemised bill tas-servizzi kollha li l-Isptar ta lill-konvenuta Beatrice Gouder kif ukoll in-Nurses Notes[7] li juru b'mod dettaljat dak li ghamlu n-nurses waqt li Beatrice Gouder kienet rikoverata l-Isptar.

Fid-dawl ta' dawn il-provi, l-oneru tal-prova li uhud minn dawn is-servizzi ma nghatawx u li l-kont kien eccessiv kien jinkombi lill-konvenuti. Huwa vera li l-konvenuta Maria Gloria

---

[5] Ara xhieda ta' Maria Antonia Beck a fol. 36 u tal-konvenuta Maria Gloria Gouder a fol. 73 tal-process.
[6] Ara l-kont ezebit a fol. 38 *et seq.* tal-process.
[7] Ara fol. 49 tal-process.

Gouder xehdet fid-dettal dwar ghaliex il-kont kien eccessiv, u allegat ukoll li certi servizzi elenkati fil-kont ma inghatawx.

Pero fic-cirkostanzi, din certament mhix l-ahjar prova. Fl-ewwel lok, mill-provi migbura ma jirrizultax li l-konvenuta' Maria Gloria Gouder ghandha xi kwalifici fis-suggett tal-medicina, li jaghmilha xhud kompetenti li tixhed dwar kif kellhu jsir it-trattament mediku ta'ommha. Fit-tieni lok, l-iktar xhud importanti f'dawn il-proceduri, u cioe il-Professur Joseph Azzopardi, il-konsulent kuranti ta' Beatrice Gouder – u li hu xhud indipendenti – ma ssejjahx biex jixhed dwar liema servizzi medici ekenkati fil-kont gew ordnati minnu, dwar f'liema stat ta' sahha kienet il-pazjenta, u dwar is-servizzi medici ancillari li l-pazjenta kellha bzonn.

Rigward l'hekk imsejjah ezami komparattiv, li l-konvenuta Maria Gloria Gouder ghamlet[8] bejn il-prezzijiet ghal prodotti medicinali fil-kont in kwistjoni, u l-prezzijiet tal-istess prodotti mibjugha minn spizeriji jew clinics ohra, bizzejjed jinghad li meta din il-konvenuta giet mitluba tezebixxi kopji tar-rapporti/data li fuqhom ibbazat dan l-"ezami komparattiv", hija ma kinitx f'pozizzjoni li taghmel dan. Fil-fatt fis-seduta tas-17 t'Ottubru 2012,[9] gie registrat is-segwenti verbal *"L-istess Maria Gloria Gouder infurmat lill-Qorti li prezenztament m'ghandha l-ebda notament kif hadmet l-ezami komparativ a fol. 107 tal-atti".*

In oltre, idealment, il-konvenuti kellhom jitolbu l-hatra ta'espert mediku biex jezamina l-file mediku ta' Beatrice Gouder fl-Isptar in kwistjoni, sabiex jara x'servizzi medici gew moghtija lil pazjenta, u jekk il-prezz tal-medicinali huwiex wiehed eccessiv.

F'dan l-istat tal-provi, il-Qorti ma tistax hlief tasal ghall-konkluzjoni li s-socjeta attrici ippruvat il-pretenzjoni taghha sal-grad rikjest fil-kamp civili.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tikkundanna lill-konvenuti Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder f'isimha personali u f'isem ohtha interdetta Monica Gouder, bhala kuratrici *ad litem* taghha, ihallsu lis-socjeta attrici is-

[8] Ara document a fol. 94.
[9] Ara fol. 110 tal-process.

somma ta’ sebat elef tminn mija u erba’ u disghin Euro u ghoxrin centezmu (€7894.20) – ekwivalenti ghas-somma ta’ tlett elef tlett mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm3388.98) - bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenuti.

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**